FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

### Seduta ta' nhar It-Tnejn 29 ta' April, 2002

**Avviz Nru:636/01 PM**

**Mark John Panzavecchia, Maria Assunta Panzavecchia, Gioavanna Xuereb, Audrey Galea Souchet, Bernard Farrugia, Roberta Galea, Claude Farrugia, Saviour Carssar, Mary Agius, Katie Cassar**

**Vs**

**Paul Gladwish u Ignezia Gladwish**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu il-hlas ta' disa' mitt Lira Maltija rapprezentanti ammont dovut  bhala canone anwali mill-15 ta' Dicenmbru, 1983 sal-15 ta' Dicembru, 2000;

Ra d-dokuimenti ezebiti;

Ra li l-konvenuti ppresentaw risposta fejn gie eccepit in-nullita billi ma giex iddikjarat b' mod car u specifiku l-interess ta' kull attur;

Minghajr pregudizzju gie eccepit li l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom u minghajr pregudizzju gie eccepit li l-ammont huwa preskritt skond l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili;

Sema x-xhieda tal-attur John Panzavecchia li spjega li l-fond kien originalment taz-ziju tieghu Karmenu Panzavecchia. Skond il-kuntratt ezebit a fol. 2 tal-process il- konvenut, Paul Gladwish, ha dan il-post b'cens. Skond l-attur il-konvenuti ma hallsux ic-cens dovut. Fill-kontro-ezami tieghu Jonn Mark Panzavecchia qal li z-ziju tieghu Karmenu Panzavecchia kien guvni meta miet. Ma kellux testment u ghalhekk halla n-neputijiet kollha tieghu bhala werrieta;

Ikkunsidra li a fol. 2 tal-process hemm kopja ta' kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Du Puis datat 15 ta' ottubriu, 1972 bejn Cassar Estates Limited u Paul Gladwish. Skond dan il-kuntratt il-konvenut xtara art f' Canon Road, Qormi, suggett ghac-cens ta' hamsin Lira (Lm50) fis-sena. Skond l-istess kuntratt bejn Cassar

Estates Limited kienet xtrat l-art minn Carmelo Panzavecchia. Illi l-kuntratt bejn Cassar Estates Limited u Carmelo Panzavecchia. Illi l-kuntratt bejn Cassar Estates Linmited u Caremlo Panzavecchia huwa ezebit a fol. 25 et seq tal-process. Il-konvenuti ma xehdux u ma kkontestawx ix-xhieda tal-attur;

Illi ghalhekk jirrizulta li l-atturi bhala neputi ta' Carmelo Panzavecchia ghandhom jircievu cens ta' hamsin Lira (Lm500) fis-sena;

Illi ma hemm xejn li jrendi l-avviz null;

Il-konvenut ma ikkontestax l-ammont ta' cens izda qalu li t-talba hi preskritta ai  termini tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili;

Illi skond l-avviz kien hemm ittra ufficjali kontra l-konvenuti fit-22 ta' Mejju, 2002. il-konvenuti ma cahdux dawn;

Illi jirrizulta li t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hija gustifikata fis-sens li t-talba hi in parti preskritta;

Illi ghalhekk il-konvenuti ghandhom ihallsu biss cens ghall-ahhar hames snin qabel il-15 ta' Dicembru, 2000 ghalhekk l-ammont huwa dovut mill-konvenuti lill-attur huwa ta' mitejn u hamsin Lira (Lm250);

Ghaldaqstant filqwaqt li jichad l-ewwel  zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-tielet eccezzjoni fis-sens li t-talba hi preskritta hlief

ghall-ahhar hames snin qabel il-15 ta' Dicembru, 2000 u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu mitejn u hamsin Lita maltin (Lm250) bhala cens ghall-ahhar hames snin qabel il-15 ta' Dicembru, 2000 lill-attruri;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti. Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**